# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf












Numru 67

Marzu - April 2005



# x'għandna?


editorjal 2
attività 3
x'għandna mid-dinja? 4
X'se NaraW? 5
Great Barrier Reef 6
gallerija 7
Medusa 7
Falko 8
ożonju 9
aktar attività 10
avviżi 10
sitt saqajn 11
daħħal membru 11
Jgħidulu ħaxix ħażin 12




## Hej Ħbieb!

Tal-ġenn, hux, kif wara xitwa twila u kiesħa, in-natura terġa' tieħu r-ruħ! Dis-sena kellna waħda mill-iktar rebbiegħat mimlijin fjuri li niftakar. Jista' jkun li għax għamlet ftit xita sew, u flok ma kienet xita qliel minn dik li tgħarraq kullimkien, kienet inqas qawwija u mifruxa fuq ħafna ġranet. Donnhom hekk iħobbu l-pjanti selvaġġi, għax kif qaleb it-temp, kullimikien imtela fjuri. F'paġna 12 għandkom ftit ritratti ta' fjuri selvaġġi. Xi ġmiel hux!

Il-fjuri huma importanti mhux biss għax huma sbieħ, imma għax huma l-ikel għal ħafna insetti. U l-insetti huma l-ikel ta' ħafna rettili u ta' ħafna għasafar. Wara xitwa sajmin, il-kamalejonti u l-wiżgħat joħorġu jagħmlu festa mill-friefet, mid-dubbien u mill-ħanfus.

Fir-rebbiegħa jibdew ġejjin ukoll l-għasafar mill-Afrika. Dawn ukoll ikunu mġewħin wara vjaġġ twil, u għal ħafna minnhom imn'alla jkunu dawk l-insetti. L-għasafar jimlew żaqqhom bl-insetti, u jkunu jistgħu komplu l-passa tagħhom lejn l-Ewropa biex ibejtu.

Għalhekk il-fjuri huma ħolqa importanti ħafna fil-katina tal-ħajja, u l-insetti huma ħolqa oħra importanti immens. Jixirqilhom l-akbar rispett minn għandna, għax mingħajrhom id-dinja naturali tkun differenti sew. U ħafna, ħafna iktar fqira.



victor falzon



Victor

**Victor Falzon**
l-editur



Denis Cachia

Ir-**Russett tas-Siġar** (*Ixobrychus minutus*, little bittern) m'intix se tarah jippassiġġa ma' l-għasafar tal-bejt fil-bitħa! Iħobb ħafna jinħeba, u l-ħabitat favorit tiegħu huwa post fejn jikber ħafna qasab, bħas-Simar u bħall-Wied ix-Xlendi. Meta l-BirdLife lestiet ir-riserva tas-Simar, par irsieset tas-siġar fil-pront bejtu u rabbew familja! Tal-ġenn hux!


**kumitat klabb ħuttaf**
Jason Aloisio, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Sylvia Falzon, Victor Falzon, Justin Vassallo



indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel 21347646 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin il-huttafa@birdlifemalta.org



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat sakemm mhux għal skopijiet kummerċjali, sakemm jissemma' l-isem **Il-Ħuttafa** u tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta, Marzu 2005
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon.
Ritratt tal-faċċata: Denis Cachia.
Ritratti ta' wara: Alex Casha, Joseph Casha, Victor Falzon u Raymond Galea.
Films: Pixel Services. Stampat: Poulton's Print Shop


**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, u nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xahrejn għall-membri, u nagħmlu hendawts u logħob għal waqt xi attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm2 fis-sena.**

# Mixja Mixjun



Nhar il-Ħadd 20 Marzu 2005 kellna l-**MIXJA MARATONA** li ħaditna mill-għoli ta' l-iMdina sax-xtut tax-Xemxija. Ġew numru sabiħ ta' membri + ħbieb + qraba: b'kollox konna 112 (u kelb żgħir!). It-triq kienet kważi kollha qalb il-kampanja, u spikka l-isfar jgħammex tal-qarsu jiksi s-sejjieħ, u raba' mitluq mimli berwieq. It-temp kien tajjeb għall-mixi. Hawn fuq naraw il-grupp miġbur fl-ewwel ċekpojnt, dik tad-Dwejra. Minbarra li ġew jimxu, 42 membru bejniethom ġabru s-somma sabiħa ta' Lm376! Dawn il-flus se nonfquhom biex nixtru ġeneratur għar-Ringing Station ta' Kemmuna. Għalhekk grazzi kbira mill-BirdLife lilkom kollha li għentuna f'dal-proġett. U grazzi lil-Leaders Desirée, Felix, George, Jason, Janet, Kathleen, Norman, Pauline, Sivie u Sylvia, li bis-saħħa tagħhom kollox mexa ħarir.

Desirée Falzon

## ..u attività li se ssir!

# Ħarġa għall-Kemmuna



Jittajjar fuq Kemmuna spiss naraw il-**bagħdan aħmar**

Bħas-soltu fir-rebbiegħa naħsbu għal ħarġa lejn dik il-gżira żgħira u kwieta: Kemmuna! Kemmuna hija santwarju ta' l-għasafar, fejn ħadd ma jista' jfixkel, jaqbad jew jispara fuq l-għasafar (kellu bżonn Malta kollha hija hekk).

Għalhekk Kemmuna tiġbidna lejha bħal kalamita. Il-flora ta' Kemmuna hija interessanti wkoll, u dan huwa l-aħjar żmien għall-fjuri, qabel ma t-temp jisħon wisq. Mela titlifuhiex...

Data: **Ħadd 24 April 2005**
Ħin: **Nofs ta' nhar ta' filgħodu**
IBBUKKJAW: Peress li ħa mmorru bil-lanċa, irridu nkunu nafu EŻATT kemm se nkunu. Għalhekk IMPORTANTI li tibbukkjaw. Ċemplu 21347646 (9am-1pm). Iktar dettalji lil min jibbukkja. Tibbukkjawx bl-imejl, u tibbukkjawx wara 22 April 2005.

**NOTA LILL-ĠENITURI.** Minħabba li dis-sena se ssir ħarġa waħda biss, u minħabba li l-lanċa tesa numru limitat, nixtiequ kemm jista' jkun intelligħu membri tal-klabb, iktar milli membri oħra tal-familji tagħhom. Għalhekk għal dil-ħarġa ta' Kemmuna nitolbu biex kemm jista' jkun il-ġenituri joqogħdu lura milli jiġu, biex jibqa' post għal aktar membri. Kif tafu din mhix ħaġa normali li nitolbukom - aħna s-soltu nieħdu pjaċir immens meta takkumpanjaw 'l uliedkom fil-ħarġiet. Għalhekk nittamaw li tifhmu ftit is-sitwazzjoni. Minħabba wkoll li s-soltu nitolbu biex membri taħt it-8 snin jiġi xi ħadd kbir magħhom, għal dil-ħarġa BISS nixitequ li tfal ta' dik l-età ma jintbagħtux. Grazzi ħafna tal-koperazzjoni tagħkom.




# Sorry, no ice!




**Il-muntanja Kilimanjaro nħallilha s-silġ kollu!**

**Ix-xjenzati kienu ilhom jbassru li dan se jiġri minħabba l-*global warming*, imma t-traġedja seħħet 15-il sena iktar kmieni milli kienu bassru. Dan juri li l-problema hija ikbar milli kienu jaħsbu.**

**Kilimanjaro hija vulkan antik fit-Tanżanija u huwa l-ogħla muntanja fl-Afrika (5895m). Il-quċċata kienet dejjem tkun miksija silġ (kif tidher fir-ritratt). Issa dak is-silġ u l-glaciers inħallu kollha, u għall-ewwel darba fi 11,000 sena nkixef il-wiċċ tal-quċċata.**

**Min jaf x'effetti se jkollu dan fuq ix-xmajjar li kienu jieħdu l-ilma minn dak is-silġ?**



# Jirbaħ il-Volpi



Il-kaċċa għall-volpi fl-Ingliterra saret kontra l-liġi.

Wara snin ta' ġlied u protesti, il-gvern Ingliż FL-AĦĦAR waqqaf tradizzjoni li kienet ilha sejra xi 300 sena. Fit-18 Frar 2005 din it-tradizzjoni kiefra, vili u barbara spiċċat.

L-Ingliża aħna nafuhom bħala nies li jħobbu l-annimali u n-natura. Imma madankollu xorta waħda għad hemm eluf minnhom (fosthom anke membri tal-familja rjali) li għadhom iffissati bil-kaċċa tal-volpi. Għalihom huwa sport li tilbes ġlekk aħmar u qalziet abjad, u toħroġ toqmos fuq żiemel u ddoqq it-trumbetti qisek iblah. Mhux biss, imma miegħek tieħu ċorma klieb ittrenjati biex kif jaraw volpi jaqbżu fuqu u jiżbranawh ħaj. Fiħ sport ħej!

Insomma, issa dan sar kontra l-liġi. Il-liġi l-ġdida mhix perfetta, għax se jkun diffiċli biex il-pulizija tara li kulħadd qed jobdi.

Imma bla dubju din kienet rebħa kbira oħra għal min veru għandu l-annimali għal qalbu.






# Dejjem dejjem JONQSU

L-Indja għandha nofs it-**tigri** tad-dinja. Fil-bidu tas-Seklu 20, kien hemm xi 40,000 tigra fil-foresti ta' l-Indja. Imma wara snin ta' kaċċa u deforestazzjoni, in-numru ta' tigri niżel għal 4334 (fl-1989). Imma l-qerda ma qatgħetx. Saru kampanji sħaħ biex isalvaw dan l-annimal, imma l-kaċċa u l-qerda tal-ħabitat ma waqfux. Is-sena l-oħra n-numru ta' tigri stmaw li niżel għal 3642.

Sensiela ġdida!

# X'se naraw?

**Jason Aloisio** jgħidilna kif naraw u nagħrfu xi għasafar li jkunu magħna f'daż-żmien tas-sena.

Ftit ftit resqin lejn tmiem il-passa tar-rebbiegħa, imma dan ma jfissirx li l-għasafar se jaqtgħu ħesrem u jisparixxu minn gżiritna. Jekk tfittex, għandek iċ-ċans li tara varjetà sabiħa ta' għasafar. Kull tip ta' ambjent jista' joffri xi ħaġa interessanti. Ara fil-ġimgħat li ġejjin jirnexxilekx tara dawn iż-żewġ speċi...



## ir-Rundun

common swift - *Apus apus*

Mhux diffiċli biex tagħrfu r-rundun, u lanqas mhu diffiċli biex tarah għax huwa għasfur komuni u tista' ssibu kullimkien. Tistenniex li se tarah wieqaf - dan l-għasfur il-ħin kollu jtir, ġeneralment fi qtajjiet u spiss fil-għoli. Mhux għasfur kbir, imma għandu ġwienaħ twal ħafna, irqaq u ġejjin għall-ponta qishom qaws. Lewnu kannella skur, imma mill-bogħod jidher iswed, speċjalment bis-sema warajh, kif dejjem se tarah! Għandu twerżiqa rqiqa.

(*Għasafar Madwarna* p 30)

## it-Tajra Safra

golden oriole - *Oriolus oriolus*

It-tajra safra mhix faċli taraha daqs ir-rundun. La hija komuni daqsu, u lanqas ma taraha daqshekk fil-beraħ. Issibha l-aktar f'għelieqi jew f'ġonna kbar bis-siġar tal-frott, speċjalment taċ-ċawsli. Għalkemm ir-raġel għandu lewn isfar jgħajjat, u ikbar sew minn għasfur tal-bejt, ma tarahx mill-ewwel għax iħobb jistaħba qalb il-weraq tas-siġar. Aktarx tinduna biħ meta tisma' l-għajta tiegħu *O-wijow!* Il-mara tkun ħadranija u għalhekk iktar diffiċli biex taraha qalb il-weraq.

(*Għasafar Madwarna* p 46)

Nota: Jekk għandek l-internet, idħol fil-websajt *Suoni e Canti degli uccelli d'Europa*, (www.scricciolo.com/eurosongs/canti.htm) fejn tista' tisma' l-għajat u t-tisfir ta' dawn l-għasafar. Ir-rundun issibuh taħt l-ittra A (*Apus apus*) u t-tajra safra ssibha taħt l-ittra O (*Oriolus oriolus*).

L-istampi t'hawn fuq meħudin mill-ktieb ***Għasafar Madwarna***. Il-BirdLife ħarġet dal-ktieb apposta għal min irid jibda l-berdwoċing minn età żgħira. Jekk għad m'għandekx... x'qed tistenna? Ċemplilna fuq 21347646 u ordna wieħed. Jew aqbeż qabża sa l-Għadira f'xi weekend, u ixtrih minn hemm. Fih tagħrif sempliċi fuq 100 għasfur, stampi kollha bil-kulur. **Lm2.05** kollox!



# Great Barrier Reef

**Alison Buttiġieġ tħoġodna fl-aqwa postijiet fid-dinja naturali.**



## X'jgħix fil-Great Barrier Reef?

**4000 speċi** ta' molluski
**1500 speċi** ta' ħut
**800 speċi** ta' pjanti
**400 speċi** ta' sponoż
**400 speċi** ta' qroll
**215 speċi** ta' għasafar
**16 speċi** ta' sriep il-baħar
**6 speċi** ta' fkieren




Din id-darba ħa nesploraw il-**Great Barrier Reef** ta' l-Awstralja. Twila iktar minn 2000km u għandha area ta' 340,000km² (= ikbar mill-Italja). Hija l-unika struttura magħmula minn organiżmi li tidher mill-qamar!

Minbarra l-iskollijiet tal-qroll (coral reefs) infushom, il-Great Barrier Reef tinkludi wkoll gżejjer żgħar u foresti tal-mangrovja. Però li jagħmel dal-post tant speċjali hu l-ammont u l-varjetà ta' ħlejjaq li jgħixu hemm - tistħajjilha metropoli naturali! Interessanti ħafna hija r-relazzjoni ta' dawn il-kreaturi bejniethom - kulħadd għandu r-rwol partikolari tiegħu f'din l-ekosistema u joħolqu bilanċ perfett.

Kreatura kurjuża li tgħix fil-Great Barrier Reef hi l-Blue Ringed Octopus, qarnita gustuża daqs ballun tal-golf bi dwawar blu, li jibdew jixegħlu meta l-qarnita tinħasad jew tkun qed tibża'. Dan is-sinjal ifisser "Jien velenuża!". U mhix ċajta, għax din il-qarnita ċkejkna ġġorr biżżejjed velenu biex toqtol 26 ruħ fi ftit minuti!

Sfortunatament, il-Great Barrier Reef, bħal ħafna coral reefs oħrajn madwar id-dinja, qiegħda f'periklu kontinwu minħabba t-tniġġis, il-*global warming*, traffiku ta' vapuri u fatturi oħra. Għall-inqas l-awtoritajiet Awstraljani kienu għaqlin biżżejjed u ħarsuha - il-Great Barrier Reef hija fil-fatt l-ikbar medda baħar protetta fid-dinja. Bis-saħħa t'hekk hija meqjusa waħda mill-iktar coral reefs b'saħħithom li jeżistu.

## X'inhu Coral Reef ?

Skoll tal-qroll (coral reef) huwa ekosistema kumplessa ta' qrollijiet, alġi u ħlejjaq oħrajn li jiffurmaw speċi ta' foresta fil-baħar. Il-qroll huma kreaturi forma ta' ċilindru li ħafna minnhom jiffurmaw qoxra qisha tubu iebes tal-ġir madwar ġisimhom. Dat-tip ta' qroll jifforma kolonji (= gruppi jgħixu ħdejn xulxin), li f'kundizzjonijiet tajbin jistgħu jkunu kbar ħafna. Qroll ġdid jikber fuq il-qxur ta' dawk li jkunu mietu u biż-żmien jifforma litteralment ħajt (reef), li jsir habitat għal ħafna ħlejjaq oħrajn.



galleria galleria



**żanżarell tal-kullar**
jael agius 7



**qattus***
nathan abela 7

*tip ta' kokka!



ċinju
roxanne camilleri 9



**fantail**
alf buhagiar 12



**taż-żebbuġ**
darryl debono 8



**farruġ**
gail bugeja 10



**daqquqa tat-toppu**
aaron refalo 14



**russett**
charlene camilleri 11



**bies**
daniel cassar



**russett tas-siġar**
raisa brincat 9



**kelb il-baħar**
dominic frendo 10

**Ibagħtulna t-tpinġijiet tagħkom!** (mhux pets u annimali domestiċi). Tinsewx isimkom, l-età u isem l-annimal jew pjanta.

# kreaturi mill-ħrejjef Griegi

Sean Caruana Webster



Sean Caruana Webster

## Medusa

Medusa kienet waħda mit-tliet Gorgoni - nisa mostri u koroħ ħafna. Imma Medusa mhux minn dejjem kienet kerha, anzi darba kienet l-għira tat-tfajliet. Imma darba offendiet lil alla Atena għax qabblet il-ġmiel tagħha ma' ta' Atena. Bħala kastig Atena biddlet id-dehra ta' Medusa: flok xagħar innukklat tfaċċaw sriep ħajjin jitkagħwġu ma' rasha, ġisimha mtela skwami u spuntawlha l-ġwienaħ. Ħarsitha kienet tant tal-biża' li kull min kien iħares lejha kien isir tal-ġebel! Imma Medusa kienet mortali, jiġifieri setgħet tinqatel.

Darba r-re kattiv Polidektes bagħat lill-eroj Perseus biex iġiblu ras Medusa, jew inkella jaħqarlu lil ommu. Perseus kien jaf li diffiċli tersaq lejha, imma Atena tatu tarka tleqq daqs mera, u Hermes taħ żarbun bil-ġwienaħ u elmu li jagħmlek inviżibbli. Bis-saħħa ta' dawn ir-rigali, Perseus sab lil Medusa, qatgħalha rasha, żgiċċa minn ħutha u salva lit-tfajla Andromeda mill-mostru Ċetus, billi wrieh ras Medusa u bidlu fi blata, xorti li messet ukoll lir-re Polidektes.

Meta Atena ħadet lura t-tarka, ħadet ukoll ras Medusa u waħħlitha fin-nofs tat-tarka bħala rikordju tal-qawwa tagħha.

Fid-dinja naturali, MEDUSA huwa isem komuni li x-xjenzati jagħtu lill-bram! Naħseb tifhmu għaliex! Ed.



FAL

Żgħażagħ BirdLife Malta



# Ħbieb Falkuni!

Kollox sew? Kif igerbeb iż-żmien! Għadna niskopru l-plastik, u diġà ħawwadna dinja bih.

Kemm ilu jeżisti l-plastik? Sittin, sebgħin sena? Id-dinja ilha teżisti miljuni ta' drabi iktar minn hekk, u mingħajr plastik.

Tgħiduli: Int għadek thewden?! Iva ħbieb, għadni! U aktar ma naqra, aktar inħokk rasi!

Wieħed minnkom ġibidli l-attenzjoni li hawn tipi differenti ta' plastik degradabbli. Hekk hu, hawn mill-inqas 16-il tip differenti, u minn kull tip jeżistu ħafna għamliet. Uħud huma bħal dak li semmejna l-aħħar darba, imma hemm oħrajn li, wara li jitfarrku jiddikomponu f'sustanzi u jsiru parti mill-ħamrija! Fil-fatt xi plastik jagħmel inqas ħsara ambjentali mill-karti, għax biex tagħmel il-karti trid taqta' s-siġar u tuża ħafna ilma.


Victor Falzon

Imma jien u int kif nistgħu nsiru nafu x'tip ta' plastik degradabbli qed jidħol f'Malta? Fittixt, imma fl-atti legali ta' l-ekokontribuzzjoni ma sibtx imsemmi li se jkun hemm xi differenza bejn it-tipi ta' plastik degradabbli. Ħażin ħafna! Għax issa min se jaċċertana jekk il-plastik li jkollna huwiex minn dak li jsir parti mill-ħamrija f'6 xhur... jew f'60 sena! Nittamaw li l-gvern ma jdumx ma jitlob lill-importaturi jagħtuh prova li l-plastik li jġibu huwa minn dak li jsir parti mill-ħamrija f'temp qasir, eż. 5 snin.

Jien u nqalleb indunajt ukoll li t-taxxa ta' l-ekokontribuzzjoni ma tapplikax għal boroż ta' daqs jew iżgħar minn 26x40ċm. Il-qies normali ta' basket tal-plastik tafu kemm hu? Morru kejlu - 26x46ċm!! Mela jekk iqassru ftit il-widna tal-basket, jeħilsu ħelu ħelu mit-taxxi kollha! U jien DEHERLI li dan l-aħħar xi basktijiet rajthom iżgħar mis-soltu! Isa ħej, x'idea dik! Tgħid il-gvern induna?

Barra minn Malta, in-nies tarahom jixtru l-ħwejjeġ u ż-żraben mill-belt, u dejjem tarahom libsin basket tad-dahar. Dak il-basket tad-dahar toħorġux mid-dar mingħajru!

*justin*

**Justin Vassallo**
Ko-ordinatur Falko

# Kamp Kemmuna

Ħa nitilgħu jumejn Kemmuna. Kemmuna hija tajba għall-berdwoċing, fejn nistgħu anke nosservaw ir-ringing li f'dak iż-żmien ikun qed isir. Kull rebbiegħa l-BirdLife tagħmel xahar sħiħ tirringja kuljum fuq Kemmuna. Mir-ringing nitgħallmu ħafna fuq per eżempju minn fejn jgħaddu l-għasafar waqt il-passa, u kemm huma importanti għall-għasafar gżejjer żgħar bħal Malta.


ringing

Data: **Sibt u Ħadd 7-8 Mejju 2005**
Ġibu: **sleeping bag, ikel** u **ilma**. Għat-tined ħallu f'idejna.
Booking: Ċemplu lil **Matthew Borg Cardona** (99886811) u tingħataw aktar dettalji.
Età: **Falko 13+**

# Mixja l-Qammieħ

Ħa mmorru mixja sal-Qammieħ, li qiegħed fit-tarf ta' fuq ta' Malta. Il-Qammieħ huwa post imfittex mill-berdwoċers għall-għasafar li jaraw għaddejjin minn fuq il-baħar. Il-pajsaġġ huwa wkoll sabiħ u selvaġġ. Titilfuhiex.

Data **Sibt 16 April 2005**
Niltaqgħu **7am** il-Belt (ħdejn tal-ħalib) jew **8am** iċ-Ċirkewwa
Ġibu **ikel, ilma** u **żarbun tal-mixi.**
Età **Falko 13+**

# OŻONJU

Elisabeth Conrad

## Solvew problema...

Meta vvintaw il-friġġijiet, dawn ma kinux bħal tal-lum. Kienu jużaw ħafna gassijiet perikolużi u tossiċi li spiss kienu jnixxu mill-apparat u joqtlu lin-nies. Inċident wieħed fi sptar fl-Amerka fl-1929 qatel iktar minn mitt ruħ, meta ħarbu xi gassijiet minn ġo friġġ! Wieħed xjenzat innota dan kollu u għamilha l-missjoni tiegħu biex jivvinta gass li jaqdi l-istess funzjonijiet bla ma jkun perikoluż għan-nies. B'hekk Thomas Midgley ivvinta dawk li nafuhom bħala chlorofluorocarbons, jew CFCs.

Ic-CFCs kienu suċċess immedjat. Bdew jintużaw f'varjetà kbira ta' prodotti, minn sprej għall-erkondixiners.

## ...u ħolqu oħra!

Nofs seklu wara, il-bniedem induna li anke s-CFCs għandhom problema, għax kienu qed jikkawżaw tiċrita fis-saff ta' l-ożonju. L-ożonju huwa gass li jinsab fl-atmosfera t'isfel (troposfera) u anke fl-atmosfera ta' fuq (stratosfera). Biss waqt li fl-atmosfera t'isfel l-ożonju huwa problema għax iżid fit-tniġġis, fl-istratosfera jservi skop importanti ħafna - jipproteġina mir-raġġi perikolużi tax-xemx. Jaħdem qisu filter, billi jħalli raġġi 'tajbin' jgħaddu għad-dinja, imma jassorbi raġġi perikolużi ta' radjazzjoni ultravjola. Ir-raġġi ultravjola jikkawżaw mard bħall-kanċer tal-ġilda. Li kellhom jaslu iktar raġġi bħal dawn fid-dinja, iżid ħafna dan il-mard.

## Qerd il-klima!

Meta Midgley ivvinta ic-CFCs, dawn bdew ftit ftit jeqirdu l-ożonju. Għall-ewwel ix-xjenzati ħasbu li kien hemm żbalji fl-istrumenti tagħhom meta dawn bdew juru li l-ożonju fuq il-kontinent tal-Antarktika beda jonqos! Qatt ma kienet għaddiet minn moħħ il-bniedem li dan seta' jiġri. Però ftit ftit sirna nafu għalfejn. Ic-CFCs ikissru l-molekuli ta' l-ożonju f'ċiklu distruttiv. Kilo wieħed ta' CFC jista' jeqred 70,000kg ożonju! Barra minn hekk, ic-CFCs idumu ħafna fl-atmosfera, anke iktar minn 100 sena. U bħallikieku dan ma kienx biżżejjed, is-CFCs huma wkoll *greenhouse gases*, jiġifieri dawk il-gassijiet li minħabba fihom qed togħla t-temperatura fuq wiċċ id-dinja.

## Iġri jmorru!

Illum li nafu l-periklu tas-CFCs, diversi pajjiżi ffirmaw trattat biex prodotti li jużaw CFCs jinqatgħu għal kollox mill-użu. Minħabba li tant kienu saru fundamentali fl-industrija, dan ma setax iseħħ mill-lum għall-għada, u baqa' żmien sakemm l-użu ta' dawn il-prodotti tinqata' mid-dinja kollha. Ix-xjenzat li vvinta s-CFCs miet qabel ma l-bniedem kellu ħjiel tal-ħsara li jistgħu jagħmlu. U bilħaqq, dan kien ukoll l-istess xjenzat li ġietu l-idea li jintuża ċ-ċomb fil-petrol! Kien żmien ieħor hux! L-istorja taċ-ċomb u l-perikli tiegħu inħalluha għall-darb'oħra però!





Desirée Falzon

## Ħawwilna skoss siġar..

Fis-27 Frar 2005 ltqajna xi 30 ruħ ħdejn it-Torri l-Aħmar biex immorru nagħmlu ftit xogħol fil-**Foresta 2000**. Ġbarna għodod u qsari bis-siġar, u morna nħawlu!

L-ewwel kellimna Ray Vella, ir-rejnġer tal-Foresta, li spjegalna x'siġar konna ħa nħawlu, u kif u fejn. Imbagħad middejna idejna għax-xogħol, u fi ftit ħin ħawwilna iktar minn 40 siġra, fosthom żnuber, deru, riħan u alaternu. Imbagħad ir-rejnġer ħadna dawra ma' parti mill-foresta biex nitgħallmu iktar fuq dal-proġett.

Foresta 2000 hija l-ikbar proġett li għandha l-BirdLife. Irid iż-żmien u ħafna spejjeż biex jirnexxi, għalhekk ħadna gost li kellna ċans nagħtu sehemna f'dan il-proġett eċitanti.

## X'jismu bħalissa..?




Spiss tistaqsuna x'jisimhom l-għasafar bl-Ingliż jew bil-Malti. Għalhekk il-BirdLife ħarġet ktejjeb bl-ismijiet ta' l-għasafar kollha li dehru Malta s'issa (381 speċi). L-ismijiet qegħdin bil-Malti, bl-Ingliż u bix-xjentifiku, u qegħdin imqassmin skond il-Familji tagħhom. Il-ktejjeb fih 20 paġna u fih ukoll xi stampi. Kull ma jiswa 30ċ (jew 42ċ bil-posta)! Ibgħat 6 bolli tas-7ċ u tarah għandek malajr.

### Happy Birthday Ħuttafa



Dal-magażin beda joħroġ f'Marzu 1994. Għalhekk Il-Ħuttafa issa għalqet **11-il sena!** Nawgurawlha ħafna u ħafna snin oħra!

## Grazzi



Klabb Ħuttaf jgħid grazzi kbira lil **Audrey Chetcuti**, waħda mill-iktar Leaders akkaniti li kellna għal ħafna snin. Wara kważi 12-il sena fuq il-kumitat tal-klabb, Audrey kellha tħalli postha minħabba impenji oħrajn, fosthom xogħol ieħor fil-BirdLife. Imma aħna ċerti li l-għajnuna tagħha nibqgħu nsibuha. Thanks, Aud :-)

Hawn hi l-lista sħiħa tal-membri li ġabru flus għall-Mixja Maratona ta' dis-sena. Kellna total sabiħ ta' Lm376, li jekk tneħħi minnha l-ispejjeż għandu jibqgħalna biżżejjed flus biex nixtru dak il-ġeneratur għar-Ringing Station ta' Kemmuna. Grazzi ħbieb!

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Lynsey Zammit | Lm37.00 | Gianluca Pollacco | Lm10.00 | James Attard | Lm04.00 |
| Albert Galea | Lm22.35 | David Grech | Lm10.00 | Nathan Buttigieg | Lm04.00 |
| Katia Gatt | Lm22.30 | Jacqueline Licari | Lm10.00 | Karl Casha | Lm04.00 |
| Ylenia Gatt | Lm22.30 | Jan van Avendonk | Lm07.00 | Amy Gerardi | Lm04.00 |
| Christian Coppini | Lm20.00 | Tristan Camilleri | Lm06.79 | Krista Cortis | Lm03.00 |
| Simon Gauci | Lm20.00 | Zcinia Cachia | Lm06.50 | Jade Zammit | Lm02.50 |
| Nicky Bonello | Lm16.00 | Joanna Vassallo | Lm06.50 | Nicole Aloisio | Lm02.00 |
| Neil Hili | Lm15.25 | Ryan Saliba | Lm05.61 | Dylan Agius | Lm02.00 |
| Stewart Rutter | Lm15.15 | Samuel Bartolo | Lm05.42 | Samuel Borg | Lm02.00 |
| Jean Luc Camilleri | Lm15.00 | Neil Gerardi | Lm05.00 | Karen Camilleri | Lm02.00 |
| Adriana Sammut | Lm11.50 | Maria Muscat Azzopardi | Lm05.00 | André Causon | Lm02.00 |
| Martina Sammut | Lm11.25 | Owen Scerri | Lm05.00 | Nicole Causon | Lm02.00 |
| Julie Ann Cassar | Lm10.10 | James Camilleri | Lm04.71 | Jason Ciantar | Lm02.00 |
| Daphne Pollacco | Lm10.00 | Marianne + Matthew Sciberras | Lm04.55 | TOTAL | **Lm375.78** |

**SITTSAQAJN**

Matthew Borg Cardona



# il-Buħarrât *Gryllotalpa quindecim*

Dan l-insett jgħix parti kbira minn ħajtu fil-ħamrija. Jgħix f'ħamrija ratba biex ikun jista' jħaffer faċilment. Huwa jagħmel ħafna passaġġi taħt il-ħamrija bis-saqajn ta' quddiem li huma kbar, b'saħħithom u forma ta' pala bis-snien. Huwa wkoll itir tajjeb, u ħafna drabi jinġibed minn dwal bil-lejl.

Il-buħarrât (bl-Ingliż *mole cricket*) jiekol l-għeruq tal-pjanti u jagħmel xi ħsara lill-pjanti tal-patata u ħxejjex oħra. Ġeneralment iħaffer u jiekol bil-lejl.

Il-buħarrât mara tbid il-bajd f'toqba fil-ħamrija. Hija tibqa' tieħu ħsieb u tipproteġi l-bajd u anke liż-żgħar. Però hemm speċi li wara li jbidu, jagħlqu t-toqba u ma jerġgħux imorru lura.

Il-buħarrât għandu metamorfosi inkompluta, jiġifieri l-istadju tal-fosdqa jaqbiżha, u minflok jikber ftit ftit sa ma jsir adult.

Il-buħarrât għandu bżonn ambjent sħun, u f'temperaturi kesħin ma tantx ikollu saħħa. Għalhekk fix-xitwa dawn l-insetti jidħlu jorqdu, u joħorġu biss meta t-temp jippermetti. Jeżistu diversi speċi ta' buħarrâta. Ix-xjenza tqegħedhom flimkien fil-Familja Gryllotalpidae, u huma kuġini tal-ġurati u l-urieżaq.


## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi**
- **stiker bil-kulur**
- **15 -il punt fil-Ħuttafattiva**



Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf...
Tiħom kopja ta' dil-formola biex jimlewha...
Imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess...
Ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

isem u kunjom ______

indirizz ______

______ postcode ______

data tat-twelid ______ telefon ______ imejl ______

liema skola jattendi ______

**Dettalji tiegħek stess**

isem u kunjom ______

indirizz ______

______ postcode ______

membership number ______ telefon ______ imejl ______

liema skola tattendi ______

Ibgħat kollox lil **BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12.**
Tibgħatx flus bil-posta, imma ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 29 bolla tas-7ċ (jekk self-adhesive tant aħjar!).

**Tqattax il-magażin - agħmel kopja!**


...u jgħidulu xewk u ħaxix ħażin!
ellux
peprin
fidloqqom
qniepen
buttuniera
leblieb ikhal
garsu